Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 23 ta' Jannar 2024**

**Distrett Zurrieq**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Janetta Grixti)**

**Versus**

**Janice Briffa**
**(0002378M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Janice Briffa**, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 0002378M.

Akkuzata talli nhar l-14 ta' Lulju, 2021 ghall-habta tal-11:15hrs f'dawn il-Gzejjer Maltin :

1. Ghamlet offiza fuq il-persuna ta' Etienne Farrell u kkagunatilha feriti ta' natura hafifa skont kif iccertifikaha Dr. Mark Grech MD Reg 2905 mid-Dipartiment tas-Sahha ta' Kirkop;

2. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunat hruq jew ghamlet xi hsara jew gharrqet xi haga ghad-dannu ta' Etienne Farrell liema hsarat jammontaw ghal valur ta' 783 euro;

3. Ikkagunat lil Etienne Farrell biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti taghha, meta hija kienet taf jew imissha kienet taf li l-imgieba taghha ser tikkaguna lil Etienne Farrell biza'.

Il-Qorti hija gentilment mitluba jew issib lill-imputata hatja tapplika l-Art. 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-sigurta' ta' Etienne Farrell.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali u semghat ix-xhieda, il-Qorti hija konvinta illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputata ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed ssib lill-imputata **mhux hatja** ta' l-akkuzi migjuba kontriha u tilliberaha minnhom.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**